

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Rati Tal-imgħax](#) > [Latvia](#)

Rati tal-imgħax



Latvja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

Iva, l-imgħax statutorju huwa previst fil-Latvja. F’konformità mal-Artikolu 1756 tad-Dritt Ċivili (*Civillikums*), l-obbligu li jiġihallas l-imgħax għandu jkun ibbażat fuq tranżazzjoni legali jew inkella fuq il-liġi. L-imgħax huwa pagabbli, abbażi tal-liġi, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1759 tad-Dritt Ċivili (pereżempju, għal kull dewmien fil-pagament ta’ dejn, anki meta d-dejn innifsu jkun mingħajr imgħax), b’xi kjarifiki stipulati f’dispożizzjonijiet oħra tad-Dritt Ċivili jew ta’ atti legali oħra.

2 Jekk iva, x’inh/x’inh l-ammont / ir-rata u x’inh l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1765 tad-Dritt Ċivili jstipula li r-rata tal-imgħax għandha tkun stipulata b’mod preċiż fl-att jew fit-tranżazzjoni. Jekk dan ma jkunx sar, kif ukoll f’każijiet li fihom il-liġi tirrikjedi kalkolu ta’ imgħax leġittimu, dan ikun ta’ 6 % fis-sena.

Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1765, l-ammont tal-imgħax statutorju għall-pagament tardiv ta’ dejn monetarju miftiehem bħala remunerazzjoni f’kuntratt għall-provvista ta’ oġġetti jew għax-xiri jew il-forniment ta’ servizzi għandu jkun ta’ 8 punti perċentwali ogħla mir-rata tal-imgħax bażika (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 1765) fis-sena u, għar-relazzjonijiet kuntrattwali li jinvolvu konsumatur, 6 punti perċentwali fis-sena. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 1765 jstabilixxi li r-rata tal-imgħax bażika hija r-rata tal-imgħax marġinali applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta’ rifinanzjament ewlenin l-aktar reċenti tiegħu li jkunu saru qabel l-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena inkwistjoni. Ir-rata tal-imgħax bażika fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena inkwistjoni għandha tiġi applikata għas-6 xhur ta’ wara.

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Le, ma hemm l-ebda informazzjoni oħra disponibbli dwar kif għandhom jiġu kkalkulati r-rati tal-imgħax statutorji.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Iva, id-Dritt Ċivili huwa disponibbli hawnhekk: <https://likumi.lv/ta/id/225418-civillikums>.

Id-Dritt Ċivili huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż: <https://likumi.lv/ta/en/en/id/225418-civil-law>.

■ L-aħħar aġġornament: 11/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.